



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# Sicco Mansholt: bidwi, ġellied ta' reżistenza u Ewropew pereċċellenza



© Unjoni Ewropea

Sicco Mansholt 1908 - 1995

*Sicco Mansholt kien bidwi, membru tar-reżistenza Olandiża matul it-Tieni Gwerra Dinjija, politiku nazzjonali u l-ewwel Kummissarju Ewropew responsabbli għall-Agricoltura. L-ideat ta' Mansholt bnew il-pedament għall-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea, waħda mill-iktar politiki prominenti sa minn meta twaqqfet l-Unjoni.*

*Wara li ra b'għajnejh il-waħx tal-ġuħ fil-Pajjiżi l-Baxxi fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, Mansholt kien konvint li l-Ewropa kellha bżonn issir iktar awtosuffiċjenti u li kellha tiġi garantita provvista stabbli ta' ikel bi prezz li jista' jintlaħaq minn kulħadd.*

*L-iktar element importanti fil-pjan ta' Mansholt għall-Politika Agrikola Komuni bikrija kien it-tkeġġig tal-produttività fl-agrikultura. Il-politika kienet timplika sistemi fejn il-bdiewa kienu ggarantiti ċertu prezz minimu għall-prodotti tagħhom, u b'hekk jiġu inċentivati sabiex jipproduċu iktar. Id-determinazzjoni u l-viżjoni soda pro-Ewropea tiegħu għall-ġejjieni, flimkien ma' rieda ta' żvilupp fuq ġejjieni maqsum bejn bosta, identifkawh bħala veru Ewropew matul haġtu.*

## Żgħożija

Sicco Mansholt twieled fit-13 ta' Settembru 1908 f'familja soċjalment impenjata li tmexxi razzett li kien sejjer tajjeb fi Groningen, provinċja fl-inħawi ta' fuq tal-Pajjiżi l-Baxxi. Missieru kien membru attiv fil-partit soċjalista Olandiż u konsulent importanti għall-partit dwar kwistjonijiet agrikoli. Ommu, tifla ta' mħallef, kienet waħda mill-ewwel nisa Olandiżi li studjaw ix-xjenza politika fl-università u spiss kienet torganizza laqgħat politiċi għan-nisa.

Wara l-iskola post-sekondarja Mansholt ried isir bidwi, iżda peress li diġà kien f'allas il-kirja tal-biedja għal f'fuh, missier Mansholt ma kellux il-flus biex iħallas għal Sicco wkoll. Minkejja dan, bit-tama li jaqbad karriera fl-agrikultura, mar fil-pajjiż Indjan tal-Lvant li kien kolonja tal-Pajjiżi l-Baxxi, illum l-Indoneżja, u beda jaħdem fi pjantaġġun tat-te. Madankollu, ma rnexxilux jidhra s-sistema kolonjali tal-post u mar lura l-Pajjiżi l-Baxxi fl-1936. Sena wara rnexxielu jikseb biċċa art fir-reġjun Wieringermeer li hu mdawwar b'rampi naturali, jiżżewweġ, u għix il-ħajja ta' bidwi sakemm faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

## It-Tieni Gwerra Dinjija

Matul il-gwerra, Mansholt kien membru attiv tar-reżistenza Olandiża kontra l-invażuri Nazisti Ġermaniżi. Fis-snin bikrin ħeba lin-nies fir-razzett tiegħu u qassam tagħrif militari, iżda iktar tard amministra netwerk estensiv ta' tqassim li pprovda ikel lin-nies li kienu qegħdin jistaħbew fl-inħawi tal-Punent tal-pajjiż. Wara l-gwerra, bħala rikonnoxximent tal-esperjenza, il-qlubija u l-ħiliet ta' organizzazzjoni tiegħu, ġie offrut ix-xogħol ta' Ministru tal-Agricoltura, is-Sajd u t-Tqassim tal-Ikel fil-gvern il-ġdid. Ta' 36 sena, sar l-iżgħar Ministru fil-Pajjiżi l-Baxxi sa dak iż-żmien.

## Bidu mill-ġdid tal-agrikultura

Eżatt wara l-gwerra, bi skarsezza ta' ikel li tkexkek u bi kriżi lesta biex tfaqqqa', l-inkarigu ta' Mansholt kien ta' importanza assoluta. Huwa ħa għadd ta' miżuri bil-għan li jitreġġgħu lura l-provvisti tal-ikel malajr, iżda fl-istess ħin fehem il-bżonn li l-agrikultura kellha tiġi mmodernizzata mill-għeruq tagħha sabiex ma jkun hemm l-ebda skarsezza fil-ġejjieni u biex tiġi garantita l-effiċjenza.

Huwa stabbilixxa l-prezzijiet minimi għall-iktar prodotti agrikoli importanti flimkien ma' taxxi tal-importazzjoni u appoġġ għall-esportazzjoni. Sabiex jipromwovi l-produttività, huwa ppromwova l-investimenti fir-riċerka, l-edukazzjoni u l-għaqda tal-irziezet f'unitajiet ikbar u iktar effiċjenti.

## Politika Agrikola Komuni għall-Ewropa

Peress li kien federalista Ewropew konvint, Mansholt kien joħlom fuq politika agrikola komuni għall-Ewropa. Fl-1950 żviluppa pjan għal suq komuni għall-produttjoni agrikola fl-Ewropa bi struttura governattiva supranazzjonali. Madankollu, il-pjan tiegħu kien ambizzjuż wisq għal żmien u falla. Madankollu, dan il-pjan reġa' ngħata l-ħajja iktar tard u serva ta' ispirazzjoni għall-politika agrikola tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

Wara li serva bħala Ministru għal tnax-il sena u nofs, Mansholt ġietu l-okkażjoni li jniedi l-pjanijiet tiegħu għal politika komuni meta laħaq Kummissarju għall-Agrikoltura fl-ewwel Kummissjoni Ewropea fl-1958. It-Trattat ta' Ruma tal-1957 waqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea u pprova għat-twaqqif ta' suq komuni fl-Ewropa fi tliet stadji ta' erba' snin il-wieħed. Dan il-pjan ta' tnax-il sena ġie kkunsidrat minn ħafna bħala ambizzjuż wisq u li kellu probabbiltà kbira li jfalli, speċjalment fil-każ tal-miżuri dwar is-settur agrikolu, minħabba l-livell għoli ta' oppożizzjoni li kien hemm kontribom. Madankollu, Mansholt baqa' fiduċjuż u kompli jaħdem. Il-pjan tiegħu kien li jintlaħaq ftehim dwar taħlita ta' ħlasijiet ta' sussidji diretti għal għelejjel u art li jistgħu jiġu kkultivati b'mekkaniżmi ta' appoġġ tal-prezz, inklużi prezzijiet minimi garantiti kif ukoll tariffi u kwoti fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti minn pajjiżi terzi. Dan kien iħeġġeġ produttività agrikola aħjar sabiex il-konsumaturi jkun jista' jkollhom provvista stabbli ta' ikel affordabbli u jiġi żgurat li l-UE jkollha settur agrikolu vijabbli.

## Il-Pjan Mansholt

Fil-bidu, il-pjanijiet tiegħu sabu oppożizzjoni kemxejn qawwija mill-bdiewa u mir-rappreżentanti politiċi tagħhom, li emmnu bis-sħiħ li dan l-approċċ komuni kien se jhedded l-għajxien tagħhom u li l-irziezet il-kbar biss kienu se jkunu kapaċi jibqgħu

jaħdmu. Kien hemm ħafna xkiel x'jingħeleb fit-triq lejn ftehim dwar politika Ewropea komuni, iżda Mansholt żamm sod u fl-1968 il-Kummissjoni ppubblikat il-"Memorandum dwar ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni", imsejġha wkoll il-"Pjan Mansholt". Bażikament, il-Pjan kien jgħid li sabiex l-agrikoltura taqbad sew, il-bdiewa kellhom jimmodernizzaw. Min-naħa tiegħu, dan jiggarrantixxi produttività u jippermetti lill-bdiewa Ewropej sabiex isiru awtosuffiċjenti.

Il-politika agrikola kellha suċċess kbir fl-ilħuq tal-għan inizjali tagħha li tagħmel lill-Ewropa iktar awtosuffiċjenti fil-prodotti tal-ikel. Madankollu, fl-50 sena tal-eżistenza tagħha għaddiet minn tibdiliet kbar sabiex tadatta għal żminijiet moderni. Sal-1970, il-politika tant kienet ħadmet tajjeb li spiss kien ikun hemm eċċessi ta' prodotti agrikoli. Matul is-snin sebgħin, Mansholt sar difensur konvint tal-miżuri li jipproteġu lill-ambjent bħala element fundamentali tal-politika agrikola. Huwa serva bħala Viċi President tal-Kummissjoni mill-1958 sal-1972 u kien ir-raba' President tagħha mill-1972 sal-1973.

L-għan ta' Mansholt kien li jħares milli jerġa' jitfaċċa l-ġuħ tal-waħx li l-popli Ewropej esperjenzaw fix-xitwa ta' wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Pjan ta' Mansholt ipprova għat-treġġigħ lura tal-awtosuffiċjenza tal-Ewropa u kkontribwixxa sabiex l-agrikoltura Ewropea reġġet qabdet sew f'perjodu qasir ta' żmien bħal qatt qabel.



Bħala Kummissarju għall-Agrikoltura u bidwi entużjast, Mansholt witta t-triq għall-Politika Agrikola Komuni.